# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

## Karriera fl-Ospitalità

servizz pubbliku



### Gwida Turistika

Qatt ħlomt li tiftaħar bl-istorja rikka u bis-sbuħija ta' Malta mal-viżitaturi minn madwar id-dinja? Il-linja ta' gwida turistika tista' tkun is-sejħa tiegħek! Immaġinak tieħu lin-nies fuq vjaġġi li ma jintesewx, taqsam stejjer dwar il-wirt inkredibbli ta' gżiritna u tagħmel iż-żjara tagħhom waħda li jibqgħu jiftakruha. Biex tibda din l-avventura jkollok bżonn liċenzja speċjali, u l-Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu qegħdin hemm biex jgħinuk tiksibha.



### Maniġer tal-Avvenimenti

Malta magħrufa għall-kultura vibranti tagħha u l-festivals eċitanti. Jekk inti t-tip li tħobb tippjana u torganizza, karriera bħala maniġer tal-avvenimenti tista' tkun perfetta għalik. Il-gvern jospita għadd kbir ta' avvenimenti matul is-sena biex jattira lit-turisti, u int tista' tkun il-moħħ kreattiv warajhom. Minn festivals tal-mużika għal ċelebrazzjonijiet kulturali, inti tkun il-persuna li tiżgura li kollox jimxi bla xkiel u li l-viżitaturi jieħdu gost.



### Aġent tal-Front Desk

L-għan ewlieni tal-ospitalità hu li l-mistednin iħossuhom milqugħin u komdi, u dan kollu jista' jsir realtà fil-front desk. Jekk għandek tbissima dħulija, ħiliet ta' komunikazzjoni eċċellenti u tħobb tiltaqa' ma' nies ġodda, dan jista' jkun ix-xogħol tal-ħolm tiegħek. Bħala aġent tal-front desk int tkun l-ewwel persuna li jiltaqgħu magħha l-viżitaturi meta jaslu, u tkun tista' tgħinhom biċ-check-ins, tagħtihom l-informazzjoni meħtieġa u tiżgura li ż-żjara tagħhom ma jinsewha qatt.





### Espert tal-Patrimonju

Malta miżgħuda bl-istorja u l-patrimonju, u Heritage Malta hija l-gwardjan tat-teżori prezzjużi tagħna. Jekk il-passjoni tiegħek tinvolvi l-preservazzjoni tal-passat tagħna u l-est taqsamha mal-oħrajn, ikkunsidra karriera relatata mal-patrimonju. L-Istitut għall-Istudji Turistiċi joffri Master's fl-Interpretazzjoni tal-Patrimonju, li jgħammrek bil-ħiliet biex tagħti l-ħajja lill-istorja, kemm għat-turisti kif ukoll għan-nies tal-lokal.





Fis-Servizz Pubbliku dawn il-karrieri fl-ospitalità joffru stabbiltà, opportunitajiet ta' tkabbir u ċ-ċans li tħalli impatt pożittiv fuq l-industrija tat-turiżmu ta' Malta. Ftakar li l-ospitalità mhix limitata għar-ristoranti u l-lukandi, iżda tkopri diversi karrieri eċitanti, inklużi dawk li rajna hawnhekk. Int tista' tkun il-merħba dħulija ta' Malta, il-kreatur ta' esperjenzi li ma jintesewx, jew il-gwardjan tal-patrimonju straordinarju tagħna.

*Żomm kuntatt magħna!*